

Brussell, 22 ta' Frar 2021
(OR. en)

6279/21

COHOM 29
CFSP/PESC 136
COPS 58
COASI 21
COEST 42
COAFR 49
COLAC 17
MAMA 20
MOG 14

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Frar 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Linji Gwida riveduti tal-UE dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' Pajjiżi Sħab/Terzi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Linji Gwida Riveduti tal-UE dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' Pajjiżi Sħab/Terzi, approvati mill-Kunsill fit-3785 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Frar 2021.

LINJI GWIDA RIVEDUTI TAL-UE DWAR ID-DJALOGI DWAR ID-DRITTIJET TAL-BNIEDEM MA' PAJJIŻI SĦAB/TERZI

1. Introduzzjoni

Id-drittijiet tal-bniedem mhumieq biss wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iżda huma wkoll fost l-oġġettivi ewlenin tal-azzjoni esterna tagħha. Id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma wieħed mill-mezzi ewlenin ta' implimentazzjoni tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni l-għdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-24). Sabiex id-drittijiet tal-bniedem jittqiegħdu fil-qalba tal-azzjoni tagħha, l-Unjoni żviluppat firxa wiesgħa ta' strumenti legali u ta' politika, inkluż il-Linji Gwida dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-pajjiżi terzi ġew adottati f'Diċembru 2001 (riveduti l-aħħar f'Jannar 2009).

Fi żmien meta d-drittijiet tal-bniedem jinsabu taħt attakk globalment, huwa aktar importanti minn qatt qabel li jittkomplew id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u, fl-istess ħin, li jergġu jissaħħu dawn id-djalogi sabiex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom.

Wasal iż-żmien li jiġġeddu dawn il-Linji Gwida bil-ħsieb li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem isiru għodda aktar effettiva ta' involviment, u b'hekk tissaħħaħ ir-**rilevanza politika** tagħhom. Din hija prijorità komuni mal-Istati Membri, inkluż mir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem li ppresieda għadd ta' djalogi ma' sħab ewlenin u esplora l-possibbiltà ta' involviment għdid permezz tad-djalogu.

2. Is-Sitwazzjoni Attwali

Matul is-snin, l-UE stabbiliet djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' **għadd dejjem akbar ta' pajjiżi**. Is-SEAE, fisem ir-Rappreżentant Għoli, imexxi d-djalogi/konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-PESK kif ukoll is-Sottokumitati bbażati fuq ftehimiet. Is-SEAE tejjeb u armonizza l-format u t-tmexxija tad-djalogi. L-involvement tad-Delegazzjonijiet tal-UE u tas-servizzi tal-Kummissjoni fid-djalogi kien essenzjali. Bl-istess mod, il-kontinwazzjoni tas-sjieda tal-Istati Membri hija kruċjali.

Bħalissa hemm madwar 60 djalogu u konsultazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab, u ma' gruppi reġjonali. Djalogi ġodda ġew stabbiliti reċentement jew qed jitħejjew. Xi djalogi (eż. ir-Russja u Iżrael) bħalissa huma ffriżati.

Jeżistu tipi differenti ta' djalogi. Hemm djalogi bbażati fuq trattati u ftehimiet reġjonali jew bilaterali kif ukoll djalogi informali u formali (jiġifieri djalogi b'termini ta' referenza maqbula). Xi djalogi jsiru lokalment mid-Delegazzjonijiet tal-UE, pereżempju d-djalogi maċ-Ċili u l-Arġentina. Barra minn hekk, hemm sottokumitati jew gruppi speċifiċi li jindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Marokk, it-Tuneżija, il-Libanu, il-Ġordan, l-Eġittu u l-Iraq, fil-kuntest ta' diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni jew ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi sħab. Apparti dawn, id-djalogi politiċi, li jkopru b'mod partikolari l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi tal-AKP, għandhom modalitajiet speċifiċi kif stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou u l-artikolu korrispondenti tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid li ser jieħu post il-Ftehim ta' Cotonou. Hemm ukoll konsultazzjonijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma jew fil-kuntest ta' relazzjoni speċjali bħall-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u l-pajjiżi kandidati. Hemm ħafna aspetti komuni bejn dawn it-tipi differenti ta' djalogi. Madankollu, dan ma jimplikax arranġament "wieħed tajjeb għal kulħadd". Pereżempju, il-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma jsegwu xejra differenti peress li l-enfasi hija prinċipalment fuq kwistjonijiet ta' interess reċiproku u kooperazzjoni fil-fora multilaterali.

Minbarra d-djalogi fil-livell tal-UE, għadd ta' Stati Membri jżommu wkoll djalogi ma' diversi pajjiżi terzi fil-livell nazzjonali.

3. L-Objettivi tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem huma **inkorporati fir-relazzjoni politika ġenerali** mal-pajjiżi. Filwaqt li kull pajjiż/reġjun huwa differenti u l-kwistjonijiet ser ikunu speċifiċi għal dak il-pajjiż/reġjun, id-djalogu huwa mezz ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u għalhekk għandu jirrifletti l-prijoritajiet u l-approċċ tiegħu. Id-djalogi għandhom għalhekk ikunu marbuta mal-Istrateġiji tal-Pajjiżi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.

Id-djalogi m'għandhomx ikunu "kaxxa" awtonoma li fiha jiġu limitati d-diskussjonijiet bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Lanqas m'għandhom ikunu pjattaforma esklużiva biex jiġu indirizzati d-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jeskludu forom oħra ta' impenn bilaterali tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Id-djalogu għandu jitqies bħala element ewlieni fl-impenn sostnut tal-UE fid-drittijiet tal-bniedem u għandu jistinka biex itejjem jew iżid il-valur tal-ħidma li qed titwettaq fuq il-post kif ukoll f'fora multilaterali. Id-djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma parti waħda mill-impenn ġenerali dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiż.

Fl-istess ħin, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li **jintużaw b'mod effettiv flimkien u f'sinerġija ma' strumenti oħra** (djalogi politiċi, diplomazija pubblika, démarches, programmi u proġetti ta' kooperazzjoni, appoġġ għas-soċjetà ċivili, monitoraġġ elettorali) għall-promozzjoni tal-prijoritajiet u l-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE. L-appoġġ reċiproku bejn id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u objettivi ta' politika oħra kienet partikolarment evidenti fil-każ tal-iskema SĠP+, b'din tal-aħħar taġixxi bħala katalist għal interess imġedded mill-pajjiż sieħeb biex isiru diskussjonijiet sinifikanti u strutturati dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-UE filwaqt li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem joffru pjattaforma b'saħħitha għad-diskussjoni tal-objettivi relatati mal-SĠP+.

L-impenn tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu l-għan li jwassal għal **kooperazzjoni konkreta u riżultati tanġibbli**. Huwa għalhekk essenzjali li tali djalogi jkunu orjentati lejn ir-riżultati u "jibqgħu haġġin" bejn is-sessjonijiet. L-objettivi jistgħu jvarjaw bejn id-djalogi. F'każijiet diffiċli, l-ewwel objettiv importanti huwa li t-tħassib tal-UE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jiġi ddikjarat uffiċjalment f'relazzjoni bilaterali kumplessa. Madankollu, l-impenn tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u jilħaq l-għanijiet strateġiċi kif stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u mhux biss li jkollu skambju ta' fehmiet differenti.

Għalhekk, hija meħtieġa **pjattaforma minima** għall-impenn reċiproku. Ir-rieda ta' pajjiż terz li jtejjeb is-sitwazzjoni tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem u jinvolvi ruħu b'mod miftuħ u trasparenti mal-UE fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' kriterju ewlieni. L-iskambju dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jkimpli kull fejn possibbli, minkejja d-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' pajjiż sieħeb.

Objettiv ewlieni huwa li **jigħu massimizzati r-rabtiet bejn l-impenn bilaterali, reġjonali u multilaterali tal-UE**. F'kuntast dejjem aktar diffiċli, l-UE ppromwoviet il-kooperazzjoni transreġjonali f'fora multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, it-tisħiħ tar-rabta bejn id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-azzjoni multilaterali tal-UE jibqa' prijorità. F'termini konkreti, dan ifisser pereżempju t-titjib tar-rabtiet bejn il-kontribut mill-proċessi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u d-djalogi. F'xi każijiet, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiż u kif l-UE tista' tgħin u tappoġġa bl-aħjar mod il-progress.

Minbarra dan, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jidentifikaw ukoll fi stadju bikri l-problemi li x'aktarx iwasslu għal konflitti, u, għaldaqstant, jappoġġaw b'mod attiv il-prevenzjoni ta' konflitti.

Id-djalogi huma **skambji ġenwini bejn il-pari** bil-għan tal-involviment ma' pajjiżi sħab/terzi kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. In-naħa tal-UE trid tibqa' reattiva għat-talbiet minn pajjiżi sħab biex tinkludi kwistjonijiet interni tal-UE, xejra li żviluppat b'intensità differenti f'għadd ta' djalogi. Il-promozzjoni tal-**koerenza interna-esterna** tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem hija essenzjali.

Id-djalogu għandu jkun skambju reali ta' fehmiet bejn l-UE u l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni reġjonali, li l-ambitu u l-influwenza tagħhom huma adattati għar-rekord tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li d-djalogi huma strument estern, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE hija ta' interess, kif inhu l-iskambju ta' prattiki tajba u huwa importanti li tiġi kkomunikata l-esperjenza interna tal-UE dwar il-kwistjonijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-isfidi u t-tagħlimiet meħuda. L-involviment tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-aġenziji speċjalizzati tal-UE kien kruċjali f'għadd ta' djalogi biex jigħu spjegati l-isfidi u l-politiki tal-UE.

4. L-Istabbiliment ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Djalogi ġodda ġew stabbiliti reċentement jew qed jitħejjew.

L-istabbiliment ta' djalogu ġdid jibda b'**valutazzjoni** mwettqa mis-SEAE. Għandu jintwera valur miżjud ċar. Fost il-kriterji gwida hemm: il-punt sa fejn il-gvern huwa lest li jtejjeb is-sitwazzjoni u l-livell ta' impenji murija mill-gvern fir-rigward tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-rieda tiegħu li jikkoopera mal-mekkaniżmi tan-NU, l-attitudni tiegħu lejn is-soċjetà ċivili u r-relazzjoni ġenerali tal-UE ma' pajjiż sieħeb. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq is-sorsi li ġejjin: rapporti mid-Delegazzjonijiet tal-UE, il-Kapijiet tal-Missjoni, rapporti min-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali oħra, rapporti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. Sussegwentement, is-SEAE ser jippreżenta l-valutazzjoni tiegħu lill-grupp ta' ħidma ġeografiku rilevanti tal-Kunsill, li għandu perspettiva globali tar-relazzjoni tal-UE mal-pajjiż terz involut, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' ħidma dwar id-drittijiet tal-bniedem (COHOM). F'dik l-okkażjoni, il-Kunsill ser jiddiskuti jekk għandux jinbeda djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser jieħu pożizzjoni dwar aspetti oħra bħall-**ambitu tad-djalogu kif stabbilit fit-Termini ta' Referenza (ToR) dettaljati maqbula b'mod reċiproku mal-pajjiż sieħeb.**

Il-Kunsill japprova Termini ta' Referenza għal djalogi ġodda dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Qabel it-tnedija ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiż ikkonċernat jistgħu jsiru xi taħditiet esploratorji. Dawn it-taħditiet jipprovdu opportunità biex jiġu mfissra l-prinċipji li jirfdu l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-għanijiet tal-Unjoni meta tipproponi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'għadd ta' okkażjonijiet, id-diskussjonijiet informali dwar id-drittijiet tal-bniedem kienu pass importanti biex tinbena l-fiduċja maż-żmien u fl-aħħar mill-aħħar jimxu lejn djalogu aktar formali dwar id-drittijiet tal-bniedem (jiġifieri b'Termini ta' Referenza maqbula). Huwa ċar li n-natura informali ta' dawn id-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem hija maħsuba li tkun sitwazzjoni temporanja, u li fl-aħħar mill-aħħar huwa previst li jimxu lejn djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem skont regoli stabbiliti f'Termini ta' Referenza. Għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li d-djalogi informali jevolvu fi djalogi formali f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

L-istabbiliment u l-eżistenza ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiż sieħeb ma jżommx lill-UE milli tindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' dak il-pajjiż fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem.

5. Involvement mas-Soċjetà Ċivili

Il-konsultazzjonijiet mal-atturi tas-soċjetà ċivili (inkluż l-NGOs, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem) huma element essenzjali tad-djalogi. L-atturi tas-soċjetà ċivili jistgħu jipprovdu stampa ċara tas-sitwazzjoni domestika tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet individwali possibbli kif ukoll għarfien espert tekniku dwar suġġetti speċifiċi. Tali konsultazzjonijiet għandhom isiru ferm qabel id-djalogu biex jikkontribwixxu għall-aġenda u għandha ssir sessjoni ta' debriefing bħala Prattika Standard. Meta d-djalogu jsir f' Brussell, tista' tiġi prevista wkoll vidjokonferenza preparatorja li tgħaqqad l-atturi tas-soċjetà ċivili lokali, Prattika li diġà saret b'suċċess.

L-involvement tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxi wkoll għal implimentazzjoni aħjar bejn id-djalogi.

Is-seminars tas-soċjetà ċivili, li għalihom hemm finanzjament tal-UE disponibbli, organizzati eżatt qabel jew wara d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem huma għodda b'saħħitha għall-impenn u l-involvement tas-soċjetà ċivili mill-pajjiż sieħeb/organizzazzjoni sieħba fil-proċess ta' diskussjoni tad-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet tal-pajjiż sieħeb jew l-organizzazzjoni reġjonali.

Rakkomandazzjonijiet konkreti li jirriżultaw mis-seminars tas-soċjetà ċivili ser jiġu diskussi mal-kopresidenti tad-djalogu u d-delegazzjonijiet tagħhom fil-marġini/ matul sessjoni ddedikata tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Wara d-djalogi għandu jiġi organizzat debriefing għas-soċjetà ċivili.

Meta l-gvernijiet jostakolaw l-involvement tas-soċjetà ċivili fid-djalogi, il-kwistjoni ta' rappreżalji għandha titqajjem direttament mal-gvern fil-kuntest tad-djalogu.

6. Modalitajiet

Il-flessibbiltà u l-prammatiżmu ġenerali għandhom jibqgħu l-kliem ewlenin fil-kuntest tal-modalitajiet għad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem. Is-**sessjonijiet annwali** għandhom jibqgħu prattika standard. L-enfasi għandha tkun fuq l-investment tal-enerġija u r-riżorsi f'attivitajiet ta' segwitu bejn żewġ sessjonijiet tad-djalogu. Il-prinċipju jibqa' li l-**postijiet jalternaw** (Brussell/pajjiż terz). Meta l-laqgħat fiżiċi ma jkunux possibbli, id-djalogi jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza. Id-djalogi għandhom jiżguraw biżżejjed żmien biex jiġu diskussi l-kwistjonijiet kollha.

Is-SEAE ser jinforma lill-Istati Membri dwar l-elaborazzjoni tal-abbozz ta' **aġenda** permezz tal-grupp ta' ħidma ġeografiku rilevanti tal-Kunsill u jitlob il-fehmiet tagħhom kif adatt. Il-COHOM ser ikun assoċjat mal-ħidma tal-gruppi ta' ħidma ġeografiċi tal-Kunsill.

L-aġendi għad-djalogi għandhom jiġu definiti b'mod miftiehem b'mod reċiproku ma' pajjiż sieħeb. Huwa importanti li l-aġendi jkunu b'bilanċjati u jirriflettu l-prijoritajiet taż-żewġ naħat. Dwar is-sustanza, l-enfasi tal-aġenda hija fuq l-iżviluppi ġenerali marbuta mad-drittijiet tal-bniedem taż-żewġ naħat, suġġetti magħżula - magħżula ma' kull sieħeb abbażi ta' każ b'każ - għal diskussjoni fil-fond u involviment multilaterali. Il-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija ser jiggwidaw dawk id-diskussjonijiet. Ir-ratifika u l-aderenza mal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol u l-kooperazzjoni man-NU (jiġifieri l-HRC, l-AĠNU, l-EPU, u l-Proċeduri Speċjali tan-NU) għandhom jibqgħu karatteristika standard tad-djalogi. Kwistjonijiet relatati mal-governanza tajba u l-istat tad-dritt jistgħu jiġu indirizzati wkoll. Fejn rilevanti, jistgħu jitqajmu kwistjonijiet dwar id-dritt umanitarju internazzjonali. Każijiet individwali għandhom jitqajmu matul (eż. biex jiġi spjegat punt fl-aġenda) u/jew fil-marġni (trasferiment ta' lista) tad-djalogu.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ser tiġi applikata biex jiġi żgurat li d-djalogi huma reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.

F'konformità mat-Trattat ta' Lisbona u r-rwol tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Art. 27(2) TUE), is-SEAE jmxexxi d-djalogu. Is-SEAE ser ikun rappreżentat fil-livell adatt. Il-fatt li d-djalogu jiġi ppresedut mir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem jibgħat messaġġ qawwi ta' impenn u impetu politiku tal-UE. Livell simili ta' impenn għandu jittieħed min-naħa l-oħra.

Il-parteċipazzjoni attiva tad-Delegazzjoni tal-UE f'livell għoli fil-pajjiż ikkonċernat hija element essenzjali, inkluż meta d-djalogu jseħħ fi Brussell. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma mistiedna jipparteċipaw. L-involvement ma' aġenziji speċjalizzati tal-UE u b'mod partikolari l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) kien kruċjali f'għadd ta' dialogi biex jiġu spjegati l-isfidi u l-politiki tal-UE u huwa mhegġegħ ħafna.

Abbażi tal-prattika li ilha stabbilita, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri huma mistiedna jipparteċipaw bħala osservaturi.

Id-delegazzjoni tal-pajjiż terz għad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ġeneralment għandha tkun mistennija li tinkludi, minbarra l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-ministeri u l-amministrazzjonijiet kompetenti kkonċernati mill-aġenda (tipikament, il-Ministeri għall-ġustizzja, l-intern, ix-xogħol u l-affarijiet soċjali). Barra minn hekk, il-ministeri kompetenti ser ikunu responsabbli għas-segwitu u ser ikollhom l-aktar x'jiggrawdanzaw minn skambju dwar l-aħjar prattiki. Il-preżenza tal-Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-pajjiż hija mħeġġa wkoll.

Meta d-djalogu jseħħ fil-pajjiż sieħeb, il-prattika ta' **żjarat fuq il-post** (eż. f'faċilitajiet ta' detenzjoni, kampijiet tar-refuġjati, eċċ.) relatati ma' punti tal-aġenda tad-djalogu għandha ssir prattika standard, kif ukoll żjarat marbuta ma' proġetti appoġġati mill-UE u laqgħat ma' istituzzjonijiet/korpi relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Bl-istess mod, meta d-djalogi jsiru fi Brussell, isiru wkoll żjarat lokali.

7. Eżitu u Segwitu

Fejn possibbli tiġi żviluppata stqarrija għall-istampa konġunta bl-identifikazzjoni ta' oqsma ta' kooperazzjoni u segwitu li jirriżultaw mid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem. Meta l-pajjiż sieħeb ma jaqbilx mal-ħruġ ta' stqarrija għall-istampa konġunta jew meta jkun diffiċli li jintlaħaq qbil dwar it-test, tista' tinħareġ stqarrija għall-istampa tal-UE bħala mod biex il-pubbliku jiġi infurmat.

Huma meħtieġa kif adatt sessjonijiet ta' debriefing bil-fomm mal-Ambaxxati tal-Istati Membri lokalment, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma ġeografiki tal-Kunsill. Rapport bil-miktub jiġi ċċirkolat lill-grupp ta' ħidma ġeografiku rilevanti tal-Kunsill u lill-COHOM kif adatt. Matul is-sena, il-COHOM ser jirċievi aġġornamenti regolari u f'waqthom dwar id-djalogi, inkluż dwar xejriet ġodda u eżiti ewlenin. Barra minn hekk, il-progress miksub mid-djalogi ser jiġi vvalutat kif meħtieġ mill-grupp ta' ħidma ġeografiku rilevanti tal-Kunsill f'kooperazzjoni mal-COHOM. L-Istati Membri ser jiskambjaw ukoll regolarment informazzjoni dwar djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem kif adatt bil-ħsieb li tiġi żgurata konsistenza bejn djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Il-bini tal-fiduċja u l-kunfidenza, u l-parteċipazzjoni fi djalogu ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li huma jqisu bħala partikolarment delikati u sensittivi huwa minnu nnifsu eżitu importanti. Madankollu, ma' xi pajjiżi, minbarra komunikat konġunt dwar id-djalogu, jista' jiġi ssuġġerit **pjan direzzjonali operattiv** lil dak il-pajjiż terz bħal segwitu sabiex jassisti l-ħidma tad-Delegazzjoni rispettiva fix-xhur ta' wara d-djalogi. Huwa importanti li d-djalogi "jibqgħu haġġin" bejn is-sessjonijiet. Il-monitoraġġ tal-progress bejn id-djalogi huwa għaldaqstant importanti. Għandha tingħata kunsiderazzjoni wkoll għal żjara bilaterali f'nofs it-terminu mir-RSUE, jew konsultazzjoni virtwali mal-kontropartijiet tiegħu mid-djalogu, sabiex jinżamm fokus u momentum bejn id-djalogi.

Il-kooperazzjoni li tirriżulta mid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem tista' tiegħu diversi forum, pereżempju: assistenza teknika/skambju ta' esperjenza mal-Istati Membri, finanzjament ta' proġetti/programmi dwar temi diskussi fid-djalogu, kooperazzjoni f'fora multilaterali, dikjarazzjoni konġunta dwar kwistjonijiet tematiċi, avvenimenti/konferenzi/workshops u konsultazzjonijiet bilaterali ulterjuri bħala segwitu. Id-djalogi mhux dejjem jipproduċu riżultati immedjati, viżibbli u li jistgħu jitkejlu. Dan iwassal għal kritika dwar l-utilità tagħhom, b'mod partikolari mis-soċjetà ċivili. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu identifikati b'mod proattiv riżultati operazzjonali u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' segwitu.